MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 963/1999/2

**Georgina Saydon, Catherine Saydon, Mary Josephine Saydon, Giovanna Darmanin mart Salvu Darmanin u l-istess Salvu Darmanin bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u b' digriet tal-15 ta' Ottubru 1999 l-atti gew trasfuzi f' isem l-atturi l-ohra wara l-mewt ta' l-attrici Mary Josephine Saydon, u b' nota tal-21 ta' Novembru 2002, Georgina Saydon u Catherine Saydon u Giovanna Darmanin assumew l-atti tal-kawza minflok Josephine Saydon li mietet fil-mori ta' din il-kawza u dan skond digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ta' l-14 ta' Frar, 2000**

**vs**

**Emanuel Muscat**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Gunju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li fi zmien qasir u perentorju li jigi lil konvenut prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jizgombra mir-raba' maghruf bhala 'Ta' Sqaq iz-Ziemel', Qormi ta' cirka seba' tumoli kif ukoll mir-raba' maghruf bhala 'Tal-Handaq', Qormi, ta' cirka tlett tumoli li l-konvenut qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghal fini ta' kompetenza jigi ddikjarat illi l-valur lokatizju komplessivament ma jeccedix Lm250 per annum.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jippruvaw li ghandhom titlu ta' proprjeta' u cjoe li huma proprjetarji tar-raba in kwistjoni.
2. Illi fit-tieni lok it-talba kif maghmula anke fuq skorta ta' sentenzi hija insostenibbli peress li hija karenti minn talba sostanzjali kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza.
3. Illi fi kwalunkwe kaz, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ghandu titolu validu fil-ligi kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti fil-15 t'Ottubru 1999 (fol 7 et seq tal-atti) u li bih din il-Qorti awtorizzat it-trasfuzjoni f'isem l-atturi l-ohra wara l-mewt tal-attrici, Mary Josephine Saydon kif ukoll in-nota ta' assunzjoni tal-atti a fol 65 ibid, il-kopja legali ta' sentenza (fol 15 et seq ibid) moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar 1996 fl-ismijiet Modesta Borg

et vs Joseph Muscat kif ukoll il-kopja ta' kwerela a fol 25 ibid.

Rat ulterjorment is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Dicembru 2000 fl-istess ismijiet kif ukoll dik moghtija dejjem fl-istess ismijiet mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) a fol 53 u fol 13 tal-atti relattivi).

Rat id-digriet Taghha moghti fl-10 ta' Marzu 2003 a fol 75 ibid kif ukoll dak moghti fis-26 ta'Gunju 2003 a fol 85 ibid.

Rat l-atti tal-mandat numru 440/96 a fol 110 et seq ibid kif ukoll il-verbal ta' xhieda moghtija fil-kawza "Registratur tal-Qrati vs Joseph Muscat" (fol 124 et seq ibid) u dawk moghtija fil-kawza 'Il-Pulizija vs Angelus Spiteri" a fol 140 u fol 147 et seq ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi jinghad minnufih illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda finalment, kif risultanti mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-24 ta' Settembru 2001.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-meritu tal-kawza kif ukoll l-eccezzjonijiet rimanenti sollevati mill-konvenut, jigu rilevati s-segwenti fatti u kostatazzjonijiet:-

a) Permezz ta' sentenza finali ohra moghtija fit-23 ta' Frar 1996 fl-ismijiet Modesta Borg et vs Joseph Muscat" l-istess Qorti kienet iddecidiet u ordnat illi ghandu jizgombra mir-raba in kwistjoni fi zmien xaghrejn mid-data tal-istess sentenza. Difatti, mill-provi prodotti irrizulta b'mod car u

inekwivoku illi l-imsemmi <u>Joseph Muscat</u> jigi missier il-konvenut odjern u dan kien qed jivvanta, f'dawk il-proceduri, t-titolu ta' qbiela fuq l-istess raba u l-Qorti wara li ghamlet id-debita valutazzjoni tal-provi prodotti kienet iddeciediet illi missier il-konvenut odjern ma kellu <u>l-ebda titolu ta' qbiela</u> fuq ir-raba in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi, f'dawn il-proceduri, il-konvenut qed jivvanta l-istess titolu ta' qbiela. Difatti meta xehed a fol 89 et seq ibid, <u>il-konvenut</u> qal illi kien ilu jahdem l-istess raba mill-1985 meta kellu l-eta ta' sbatax-il sena'. Hu kompla jsostni li l-istess raba kien inkera minn Guiseppe Borg <u>lill-istess missieri u lili</u> u dan versu l-hlas ta' Lm60 fis-sena' bhala qbiela bl-ahhar kirja mhallsa lill-istess Giuseppe Borg fl-1987. F'din l-okkazzjoni, l-konvenut jsostni illi ".. konna tajnieh ukoll il-ktieb tal-kera" u "Minhabba dak li qed nghid jiena qatt ma rcevejt il-ktieb tal-ircevuti lura". Sussegwentement, skond dejjem il-konvenut kienu saru trattativi,sabiex hu jixtri l-istess raba, mal-attur, izda dawn ma kellhomx esitu posittiv. Dwar il-ktieb tal-ircevuti, x-xhud qal illi la hu la missieru ma kienu fethu kawza anzi kienu "…. Huma (li) fethilna kawza". Dwar l-istess ktieb tal-ircevuti, x-xhud sostna li dawn kienu jinhargu fuq isem missieru li sal-2004 kien ghadu haj u fuq ismi. Pero' hu qal ukoll illi, fil-kawza kontra missieru, hu kien xehed u "… mistoqsi l-ghala waqt dik il-kawza jiena ma ghidtx meta xehdet illli l-ircevuti kienu fuq ismi ukoll. Jiena ma gejtx mistoqsi f'dik il-kawza jekk fuq il-kontern kienx hemm imnizzel ismi ukoll' waqt li ma kienx jaf jekk missieri, f'dik il-kawza kien xehed illi l-istess kontern kien fuq ismu biss. Fl-ahharnett hu semma illi kien irregistra fuq ismi, ir-raba in kwistjoni fl-2003 "… ghax talabni l-Gvern" (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Georgina Muscat</u>, mart il-konvenut a fol 130 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi Salvatore ossija Salvu Darmanin (fol 159 u fol 160 ibid kif ukoll fol 165 ibid) spjega illi bhala konsegwenza tas-sentenza finali hawn fuq citata u li hi esebita in atti missier il-konvenut kien hareg anzi kien gie zgumbrat mill-istess raba u ghalhekk hu, flimkien ma huh, Emanuel Darmanin (fol 157 u fol 170 ibid) kienu hartu l-istess ghalqa sa Settembru 1996 u kienu hadmuha flimkien sa Settembru 1997. Pero kien irceva telefonata minghand il-konvenut odjern u kien qallu sabiex ma jkompliex jaghmel dan "ghax tkun bi kbira".

Inoltre, hu asserixxa illi l-istess konvenut "… la hallas u qatt ma offra xi hlas ta' kera". Difatti l-unici negozjati bejn il-partijiet f'din il-kawza kienu dawk sabiex l-istess konvenut jakkwista ir-raba' in kwistjoni, liema negozjati kellhom esitu negattiv, mart l-istess Salvatore Darmanin, l-attrici Giovanna Darmanin (fol 162 ibid) ukoll sostniet illi l-art in kwistjoni ".. qatt ma kienet mikrija lil xi hadd" inklus il-konvenut odjern.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, il-konvenut ghamel tentettiv sabiex jipperswadi din il-Qorti illi hu jiddetjeni ir-raba' in kwistjoni b'titolu validu ta' qbiela. Pero hawnhekk jkun opportun illi sabiex il-Qorti tara jekk il-konvenut hux kreditibbli o meno illi ssir referenza ghas-sentenza decisa finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u li di gja ssemmiet diversi drabi. Fl-istess sentenza jinghad (ara fol 37 ibid) illi "… l-konvenut (cjoe missier il-konvenut odjern) jikkontendi illi Giuseppe Borg kien tah r-raba meritu tal-kawza (u ta' din ukoll) bi qbiela …. u dan ghalkemm ma kien hemm xejn bil-miktub.

Inoltre fl-istess sentenza hemm ukoll sintetizzata x-xhieda tal-istess konvenut odjern (fol 38 ibid fejn

konjom l-istess konvenut hu, skorrettament, imnizzel bhala "Borg"). Hawnhekk Emanuel Muscat jghid illi "gieli kien ma missieri meta dan kien jhallas il-qbiela anke f'forma ta' prodott". Hu kompla jghid "… naf li wara certu zmien il-papa' ma kienx jhallas aktar qbiela pero' baqa' jiehu l-prodotti. Fl-ahharnett il-konvenut odjern kien qal "viva voce" li " … jikkonferma l-hlas ta' Lm60 fi zbiela pero jghid li dan jafu ghax kien jghidlu missieri" mhux ghax kien qatt ghadd il-flus".

Illi minn dak li ghadu kemm gie citat jidher, b'mod car u evidenti, illi din il-Qorti ghandha tikkonkludi illi dak li xehed f'dawn il-proceduri l-konvenut odjern, hu altament inkredibbli u inaffidabbli. Hu bizzejjed, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi jigi sottolineat illi fil-procedura kontra missier, l-konvenut odjern, bl-ebda mod, ma semma illi r-raba in kwistjoni kien imqabbel mhux biss lill-missieru izda lilu ukoll.

Illi, ghalhekk, din il-Qorti hi konvinta illi l-konvenut, effettivament, ma ipprovax illi jiddetjeni l-istess raba' b'titolu ta' qbiela. Anzi jidher mill-provi kif prodotti mill-atturi illi l-konvenut ghandu jigi konsiderat, minghajr ebda dubbju, bhala usurpatur tal-istess raba.

Ikkunsidrat

Illi ma ingieb xejn a konjizzjoni ta' din il-Qorti sabiex jigi sostanzjat jew almenu spjegat dak li gie sollevat fit-tieni (2) eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkudanna lill-konvenut sabiex sas-sitta (6) ta' Lulju 2007 jizgombra mir-raba' maghruf bhala "Ta Sqaq iz-Ziemel", Qormi ta' cirka seba tumoli kif ukoll mir-raba' maghruf bhala "Tal-Handaq", Qormi ta' cirka tlett tumoli in vista li l-istess konvenut qed jokkupa l-istess raba' minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes jithallsu mill-istess konvenut."

Bl-appell tieghu fil-konfront ta' din is-sentenza l-konvenut jissottometti illi din tiddifetta fil-motivazzjoni taghha minhabba apprezzament vizzjat ta' l-atti u tal-provi. Fit-tieni lok huwa jilmenta wkoll illi s-sentenza hi insostenibbli ghaliex l-ewwel Qorti naqset milli tokkupa ruhha mit-tieni eccezzjoni tieghu;

Il-motivi ta' l-ewwel obbjezzjoni sottomessi mill-appellanti jistghu jigu ridotti ghal dan li gej:-

(1) L-ewwel Qorti strahet izzejjed fuq il-kontenut tad-decizjoni fl-ismijiet "Modesta Borg *et* -vs- Joseph Muscat " (Avviz Nru. 254/91) decizja in sede Appell fit-23 ta' Frar 1996;

(2) Hi kien messha, invece, illimitat l-istharrig taghha ghall-fattispeci li kellha quddiemha u mhux tislet spunti u argomenti ghar-*ratio decidendi* taghha minn dawk tad-decizjoni msemmija, u li fiha, wara kollox, hu ma kienx hlief xhud;

(3) Proprju, dejjem skond l-appellanti, il-fattispeci tal-kaz juru li hu kien ko-inkwilin, flimkien ma' missieru, tar-raba' affittat ghal sittin lira Maltin (Lm60) fis-sena u li hu kien ilu jahdem mill-1985;

(4) Ankorke ma kienetx qed tithallas il-qbiela, xorta wahda ma kellux jigi negat lilu t-titolu lokativ minnu vantat;

Mill-mod kif impustati s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti, dawn iqeghdu quddiem il-Qorti kwestjoni ferm importanti dwar jekk Qorti tistax taghmel referenza ghall-provi testimonjali u atti gjacenti fi process civili iehor li jista' wkoll, bhal f' dan il-kaz, ikun gja definit u deciz;

Skond is-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili, tat-22 ta' Frar 1950 fl-ismijiet "**Maria Ellul Bonnici -vs- Felice Mercieca *et nomine***", jinghad illi "jekk prova testimonjali, perizja, access jew risposti ghas-subizzjoni jkunu ddemostraw ezistenza ta' fattijiet determinati, u dwar l-istess fattijiet titwieled disputa f' gudizzju iehor, ir-rizultanzi tal-prova migbura fil-gudizzju precedenti ghandhom ikunu attendibbli, u jistghu jigu invokati bla ma jkun hemm bzonn tar-ripetizzjoni ta' l-ezami, tal-perizja, ta' l-access, jew ta' interrogatorji godda". F' din is-sentenza l-Qorti kienet qeghda hemm tikkontempla sitwazzjoni insorta bejn l-istess partijiet f' gudizzju fejn titwieled disputa dwar l-istess fattijiet. Minn certa ottika din id-dikjarazzjoni ta' dik il-Qorti giet ikkritikata bhala "*too sweeping*" u li l-motivazzjonijiet fiha "mhumiex in fondo perswasivi daqs kemm jistghu jidhru". Dan l-aktar fir-riflessjoni illi l-kawzi huma indipendenti minn xulxin u dak tal-provvediment ta' l-Artikolu 577 (1), Kapitolu 12, ossija dak il-"*canone di rito giudiziario che il teste deve essere sentito in pubblica udienza dal giudicante stesso, perche` si possa controllare la veridicita` della sua deposizione, anche dal suo contegno, salvo le debiti eccezioni*" ("**Martha Pace -vs- Francesco Saverio Pace**", Appell Civili, 4 ta' Mejju, 1925). Ara in tema ghal aktar approfondiment tal-kritika maghmula s-sentenza fl-ismijiet "**Anni Cuschieri *et* -vs- Paolo Vella nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju, 1965, per Imhallef Maurice Caruana Curran;

Huwa mill-ewwel distingwibbli mill-atti tal-kawza prezenti illi din il-qaghda processwali prospettata f' dawk id-decizjonijiet ma tinsorgix f' dan il-kaz, kemm ghaliex aktar minn semplici referenza ghall-provi fil-kawza l-ohra (fejn il-konvenut zgumbrat mir-raba' kien missier l-appellanti odjern), l-ewwel Qorti irreferiet *expressis* ghas-sentenza nnifsiha li ddeterminat dik il-kawza l-ohra ("**Modesta Borg *et* -vs- Joseph Muscat**", Appell Inferjuri, 23 ta' Frar 1996) u dan, ghal skop ta' prova ammissibbli, skond id-dritt lilha moghti bl-Artikolu 627 (e) tal-Kapitolu 12, kemm ghaliex, ukoll, fl-istanza odjerna l-appellanti offra d-deposizzjoni tieghu (fol. 89), u fil-kors ta' din qamet kwestjoni dwar il-

kredibilita` tal-versjoni tieghu meta konfrontata ma' dik l-ohra anterjuri moghtija minnu f' dik il-kawza l-ohra. Tali hu possibbi in virtu ta' l-Artikolu 586 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili biex proprju jintwera illi dik ix-xhieda tieghu hi inkonsistenti ma' dik tad-dikjarazzjonijiet tieghu ta' qabel. Provvediment dan estendibbli wkoll bis-sahha ta' l-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali ghal process penali, kif illustrat fis-sentenza "**Il-Maestra Tieghu r-Re -vs- Karmenu Pace *et***", Appell Kriminali, 21 ta' Settembru 1948;

Dan premess, huwa sew evidenti mis-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti gudizzjarjament accertati fis-sentenza tat-23 ta' Frar, 1996 biex minnhom tislet il-konfliggenzi tax-xhieda ta' l-appellanti f' dik il-kawza u dik tal-versjoni tieghu fl-istanza prezenti. Senjatament, u b' mod partikulari, (i) li hu ma kienx iddivulga li kien ko-inkwilin tar-raba' flimkien ma' missieru, (ii) li ma kienx hemm konsistenza u lanqas verosimiljanza dwar il-modalita ta' l-asserita qbiela u jekk din kienetx f' forma monetarja jew in natura. Incidentalment, ma' din giet ventilata wkoll minn missier l-appellanti l-possibilita` ta' l-ezistenza ta' mezzadrija;

Taht dan il-profil l-appellanti ma jistax jippretendi illi l-ewwel Qorti ma kienx messha akkordat wisq importanza lill-fatti kkonstatati f' dik is-sentenza l-ohra meta dawn kienu jippruvaw l-ezistenza ta' kuntrast qawwi probatorju mal-versjoni tieghu tal-fatti fil-kawza prezenti u, fuq kollox, meta minn tali kuntrast dik il-versjoni tieghu kienet wahda ghal kollox mhux fededenja u kellha tigi skartata;

B' koerenza, kien imbaghad wisq logiku illi l-ewwel Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-qaghda ta' l-appellanti ta' l-okkupazzjoni tieghu tar-raba' kienet dik ta' uzurpatur u, in kwantu tali, ma kienet tivvesti fih ebda titolu producibbli ta' effetti guridici. Dan anke jekk stess fit-termini ta' dik l-istess decizjoni ("**Carmelina Camilleri *et* -vs- Paul Mifsud *proprio et nomine***", Appell Inferjuri, 12 ta' Awissu

1994) minnu citata.  Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddissenti mir-*ratio* decidendi ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti. Ghal skop ta' zgumbrament ta' l-appellanti mir-raba' l-Qorti qed tipprefiggilu t-terminu ta' xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------